**Bord li Jirregola l-Kera**

**Magistrat Dr Josette Demicoli LLD.**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru: 1745/18 fl-ismijiet:**

**Anthony Zammit et**

**vs**

**Tiara Company Limited (C 11569)**

**Illum 26 ta' Novembru 2018**

**Il-Bord,**

Ra r-rikors tar-rikorrenti tad-29 ta' Ottubru 2018 fejn permezz tieghu talbu lil dan il-Bord sabiex izomm lis-socjeta' intimata milli jikri, jissulloka, inehhi, jitrasferixxi, icedi jew jiddisponi, bi kwalunkwe mod ueafront jew titolu, kemm b'titolu oneruz jew titolu gratuwitu jew bi kwalsiasi titolu iehor, il-fond ossija hanut illi jinstab fil-pjan terran mibni taht blokka appartamenti, qabel minghajr isem illum bl-isem 'Deli Greek' li qabel kien jismu 'Tikams' u minghajr numru li jinstab f'Dock Street kantuniera ma' Msida Seafront, u dan sabiex jikkawtelaw il-jeddijiet taghhom, inkluzi dwak tal-kawza pendent ma jigux iffrustrati bil-konsegwenti proceduri legali ulterjuri li jkunu mehtiega jekk terzi jinghataw xi titolu mill-kumpanija intimata Tiara Company Limited li r-rikorrenti jsostnu li m'ghandhiex dritt taghmel dan.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata.

Sema' lill-istess partijiet jitrattaw waqt is-smiegh tar-rikors.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidra

Illi diga' inghad aktar 'il fuq x'qed jitolbu r-rikorrenti permezz tar-rikors imressaq minnhom. Jirrizulta wkoll li bejn il-partijiet hemm proceduri li huma pendent quddiem dan il-Bord. Apparti l-partijiet f'dawn il-proceduri hemm ukoll intimati ohrajn fosthom is-socjeta' Simant Trade Co Ltd li kienet qeghda tiggestixxi l-hanut mertu tal-proceduri u l-kjamati fil-kawza li huma l-persuni li ffirmaw il-ftehim mas-socjeta' intimata sabiex jiehdu f'idejhom il-hanut. Fil-mori tal-kawza l-fond jidher li m'ghadux jintuza' u jigi gestit ghaliex inghalaq.

Permezz tal-proceduri quddiem dan il-Bord, ir-rikorrenti qeghdin isostnu li s-socjeta' intimata ma kellha l-ebda dritt tissulloka u ghalhekk qieghed jintalab ukoll l-izgumbrament mill-fond. Min-naha taghha s-socjeta' intimata kemm f'dawk il-proceduri u f'dawn in dizamina ssostni li hija ghandha kull dritt tissulloka.

Mhux kompitu ta' dan il-Bord jiddeciedi tali kwistjoni fl-ambitu ta' talba ta' mandat ta' inibizzjoni.

Waqt it-trattazzjoni tar-rikors l-avukat difensur tas-socjeta' intimata sostna li jekk il-Bord jilqa' t-talba tar-rikorrenti ikun daqs li kieku ddecieda l-mertu. B'kull rispett dan l-argument mhux korrett ghaliex altrimenti ebda mandat kawtelatorju ma jibda jinhareg. Anzi huwa dejjem maghruf li l-ezami li jrid isir mill-Bord jew Qorti f'kaz ta' mandate kawtelatorju bhal dak odjern huwa biss fuq bazi *prima facie* u bl-ebda mod m'ghandu jigi interpretat li t-talba tar-rikorrent awtomatikament tkun se tintlaqa'.

Ghaldaqstant mir-rizultanzi processwali u, kif diga' intqal, minghajr ma' l-Bord jidhol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet (ghaliex dan jehtieg li jsir waqt il-proceduri) iqis li r-rikorrenti ppruvaw fuq bazi prima facie l-pretensjoni taghhom fil-konfront tas-socjeta' intimata u li jehtieg li tali pretensjoni tigi kawtelata billi t-talba taghhom tintlaqa'. Dan anki

ghaliex biex jigu evitati ftuh ulterjuri ta' kawzi ma' terzi persuni li sallum mhumiex parti fil-proceduri.

Ghal dawn il-motivi, dan il-Bord filwaqt li jichad ir-risposta tas-socjeta' intimata, jilqa' t-talba tar-rikorrenti kif dedotta.

Jordna n-notifika tad-digriet lir-Registratur tal-Artijiet u lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

**Dr Josette Demicoli**

**Magistrat**

**Cora Azzopardi**

**Deputat Registratur**